# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 22 TA' JANNAR, 2001

*Avviz. Nru 1932/00 AJD*

G. Grech & Bros. Ltd.

vs

Joseph Martin

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Novembru, 2000, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' wiehed u sittin liri Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm61.44) rapprezentanti bilanc mhux imhallas minn prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-21 ta' Frar, 2000, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Chris Borg in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' wiehed u sittin liri Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm61.44) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sal-pagament effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mll-konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR